MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2005

Numru 909/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Cassar)**

**vs**
**Ganni Vella**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzajoni migjuba kontra **Ganni Vella** bin Carmel u Maria Dolores *nee'* Scerri, mwieled Birikirkara, fil-21 ta' Novembru, 1963, 140, Triq il-Qasam, Birkirkara, u detentur passaport bin-numru 655763;

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Saviour Grech mill-Mosta, f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha tieghu meta hebb ghalih u ikkagunalu ferita gravi, skond certifikat mediku ta' Dr. Robert Patinott MD mic-Centru tas-Sahha tal-Furjana;

2. Talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi hedded lill-istess Saviour Grech b'sikkina;

3. Kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

4. Fil-hin li wettaq dan id-delitt kellu fil-pussess tieghu arma li taqta' u bil-ponta (sikkina tal-laham);

5. Zamm u gar fuqu strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Il-Qorti hija mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta tal-imsemmi Saviour Grech jew sabiexx tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-pien ajew minflok il-piena applikabbli ghar-rejat torbot lill-istess Ganni Vella b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma flus li tigi ffisata mill-Qorti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza kontra l-imputat tkun trattata u deciza bil-procedura sommarja u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Rat l-atti tal-kawza;

Stante ammissjoni, l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;
Rat l-artikoli 214, 216, 339 (1) (b), 338 (bb) Kap 9, 13 Kap 65.

Dwar l-ewwel akkuza tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur mil-lum, liema terminu ma jiddekorriex hlief jekk l-imputat jikkommetti rejat iehor sa zmien sentejn (2) mil-lum. Dwar l-akkuzi l-ohra tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' Lm50 u torna l-konfiska tas-sikkina esebita formalment. Inoltre tobbligah ma jimmolestax u/jew ma jdejjaqx lil Saviour Grech fuq

penali ta’ Lm100 fin-nuqqas ghal zmien sena mil-lum skond l-artikolu 383 Kap 9.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------